MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 760/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**NOEL PACE AXIAK**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Noel Pace Axiak, iben George u Mary nee' Mifsud, imwieled 22 ta' Novembru 1945, Sliema, residenti Dawson Place, Flat 2, Triq is-Sirk, Swieqi u detentur tal-karta ta' l identita 982945(M)

Billi gie akkuzat talli nhar l- 20 ta' Lulju 2010, ghal habta tas- siegha u nofs ta' wara nofs nhar (01:30a.m), minn gewwa Dawson Place, Flat 2, Triq is-Sirk, Swieqi u/jew fil-vicinanzi:

1. Ghamel offiza ta natura hafifa fuq il-persuna ta’ Karl Muscat skond kif iccertifikat t-tabib Dr. Michael Gonzi mil-isptar Mater Dei
2. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ‘l istess offiza b’arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew iniggez.
3. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ma kellux licenzja mahruga mill- Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.
4. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi qal kliem ta’ theddid fil-konfront ta’Karl Muscat.
5. Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta htija tiprovdi ghal garanzija ta’ Karl Muscat skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. TM6 u nnutat li l-imputat Noel Pace Axiak m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 221(1) u (2), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Noel Pace Axiak, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Noel Pace Axiak taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Noel Pace Axiak ghall-piena ta' erba' mija u sitta u sittin Euro (Euro 466) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Noel Pace Axiak b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Karl Muscat u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Noel Pace Axiak l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------